MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru 482/2009

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ 331178m akkuzata talli:

1. f’Jannar 2009, gewwa l-Ghassatal-Pulizija tal-Qawra u gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana, bil-hsieb li taghmel hsara lil Carmen Tanti, Romina Tanti u Sandra Tanti, akkuzathom quddiem awtorita’ kompetenti b’reat ta’ uzura, filwaqt li kienet taf li dawk il-persuni huma inncenti; liema akkuza falza hija ta’ delitt suggett ghall-piena mhux akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn u liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnfisha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tghat taghrif falz;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema insistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkonsidra.

Semghat ukoll xi xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw l-kalunja u d-dikjarazzjoni jew taghrif falz maghmul lil xi awtorita' pubblika ai termini tal-Artikolu 101 u 188 tal-Kap 9.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, l-Qorti tiddikjara u ssibha hatja.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-istqarrija minnha rilaxxata lill-Pulizija u rat l-Artikolu 101(b), 188 u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Fehmet lill-imputata ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------